

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15509/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0413 (CNS)**

**FISC 560
ECOFIN 1199
EF 326**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Diċembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 813 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 813 final.

Mehmuż: COM(2018) 813 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2018
COM(2018) 813 final

2018/0413 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT

[...]

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Din il-proposta hija parti minn pakkett ta' leġislazzjoni dwar it-trażmissjoni u l-iskambju obbligatori ta' informazzjoni dwar il-pagamenti relatati mal-VAT. Il-kuntest tal-pakkett sħiħ huwa spjegat b'mod komprensiv fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament¹.

Il-proposta għal emenda tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud² hija parti importanti mill-pakkett. Dan għaliex il-proposta tistabbilixxi regoli għall-Istati Membri biex dawn jiġbru b'mod armonizzat ir-rekords magħmula disponibbli elettronikament mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 243(b) tad-Direttiva tal-VAT. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi sistema elettronika ċentrali ġdida għall-ħażna tal-informazzjoni dwar il-pagament u għall-ipproċessar ulterjuri ta' din l-informazzjoni minn uffiċjali ta' kontra l-frodi fl-Istati Membri fil-qafas tal-Eurofisc. Il-Eurofisc huwa n-netwerk għall-iskambju multilaterali ta' sinjali ta' twissija bikrija fil-għieda kontra l-frodi tal-VAT, stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din l-inizjattiva hija l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE). Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Kunsill, li jaġixxi unanimament skond il-proċedura leġislattiva speċjali, għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta sal-punt li din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja sabiex tiżgura l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq uniku u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

- **Sussidjarjetà**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li l-problema ewlenija inkwistjoni, il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, hija komuni għall-Istati Membri kollha u hija aggravata mill-insuffiċjenza tal-għodod disponibbli għall-awtoritajiet tat-taxxa. L-Istati Membri waħedhom mhumiex kapaċi jiksbu mingħand partijiet terzi, bħalma huma l-fornituri tas-servizzi ta' pagament l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu kkontrollati l-fornimenti transfruntiera ta' oġġetti u servizzi tal-VAT, jiġi żgurati li r-regoli dwar il-VAT tal-kummerċ elettroniku huma applikati tajjeb u biex tiġi indirizzata l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

B'mod partikolari, l-għan tal-iskambju ta' informazzjoni dwar pagamenti transfruntiera sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

waħedhom (peress li ma għandhomx il-bażi ġuridika biex jiġbru informazzjoni f' ġurisdizzjoni oħra) mhux bl-interkonnessjoni ta' sistemi elettroniċi nazzjonali permezz ta' interfaċċa elettronika. Fil-fatt, sistema bħal din ma tkunx kapaċi taggrega informazzjoni dwar il-pagamenti mingħand fornituri differenti tas-servizzi ta' pagament dwar pagamenti tal-istess prenditur u tirrikonoxxi rekords doppji tal-istess pagamenti. Sistema bħal din lanqas ma tkun tista' tipprovdi ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-pagamenti riċevuti mill-prendituri fl-Unjoni.

Sistema Ewropea ċentrali għall-ġbir u l-iskambju ta' *data* dwar il-pagamenti hija l-aktar mod effettiv biex l-awtoritajiet tat-taxxa jingħataw viżjoni kompluta biex jikkontrollaw il-konformità mar-regoli tal-VAT dwar il-kummerċ elettroniku u biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT. Kwalunkwe inizjattiva biex jiġu introdotti għodod ġodda għall-kooperazzjoni li jindirizzaw il-problema teħtieġ proposta mill-Kummissjoni għal emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. B'mod partikolari, f'termini ta' protezzjoni tad-*data*, l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar il-pagamenti huwa konformi mal-prinċipji tan-neċessità (l-informazzjoni meħtieġa biex jinkiseb l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku biss tiġi pproċessata) u tal-proporzjonalità (it-tip ta' informazzjoni u l-mod kif inhi pproċessata mill-esperti ta' kontra l-frodi tal-awtoritajiet tat-taxxa ma jaqbżux il-limiti ta' x' inhu xieraq biex jintlaħaq l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku), u huwa konformi mar-Regolament Ġeneral dwar il-Protezzjoni tad-*Data*³, mar-Regolament (UE) 2018/1725⁴ u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali⁵.

Is-salvagwardji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 u l-qafas Ewropew dwar il-protezzjoni tad-*data* se japplikaw għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti taħt din il-proposta. Għall-evalwazzjoni tal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, għandu jkun innotat l-ewwel nett li l-ġbir, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni dwar il-VAT għandhom bħala għan il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Dan huwa ddokumentat tajjeb mill-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, fejn l-awtoritajiet tat-taxxa saħqu fuq il-ħtieġa ta' informazzjoni dwar il-pagamenti biex il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku tkun waħda effettiva. Dawk li wiegħbu għall-konsultazzjonijiet pubbliċi (l-individwi u n-negozji) ikkonfermaw ukoll li l-informazzjoni dwar il-pagamenti hija meħtieġa biex tgħin lill-awtoritajiet tat-taxxa jiġġieldu l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku (sakemm l-informazzjoni dwar il-konsumaturi tinżamm kunfidenzjali). Barra minn hekk, l-informazzjoni relatata mal-frodi tal-VAT potenzjali fil-kummerċ elettroniku biss tintbagħat lill-awtoritajiet tat-taxxa u tiġi skambjata bejniethom. Dan ifisser li tiġi skambjata biss l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' frodaturi potenzjali stabbiliti barra l-Istat Membru ta' konsum (jiġifieri mhi se tiġi skambjata l-ebda informazzjoni dwar pagamenti domestiċi). Din l-informazzjoni tkun tinkludi n-numru ta' tranżazzjonijiet tal-pagamenti

³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁵ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326 26.10.2012, p. 391).

magħmula, id-data tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti, u l-informazzjoni dwar fejn — fil-prinċipju — għandu jkun il-post tat-tassazzjoni. Mhux neċessarju li tiġi skambjata informazzjoni li tidentifika persuni li jagħmlu pagamenti online (jiġifieri l-konsumaturi), apparti mill-informazzjoni dwar l-oriġini tal-pagament (eż. il-post tal-bank użat biex sar il-pagament, li huwa meħtieġ biex jiġi stabbilit il-post tat-tassazzjoni). Għaldaqstant, ma jkunx possibbli li tintuża informazzjoni dwar il-pagamenti biex jiġu mmonitorjati d-drawwiet ta' xiri tal-konsumaturi.

Tiġi stabbilita sistema elettronika ċentrali ta' informazzjoni dwar il-pagamenti (is-“CESOP”). Din tippermetti lill-Istati Membri jibagħtu informazzjoni dwar il-pagamenti li jaħżnu fil-livell nazzjonali, biex tgħin fil-ġlieda effettiva kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Is-CESOP tkun tista' tiġbor l-informazzjoni kollha dwar il-pagamenti tal-VAT skont kull prenditur mibgħuta mill-Istati Membri, u tippermetti l-ħolqien ta' ħarsa ġenerali sħiħa tal-pagamenti riċevuti mill-prendituri (jiġifieri n-negożji) mingħand il-pagaturi (jiġifieri l-konsumaturi li jixtru online) fl-UE. Is-CESOP tirrikonoxxi kwalunkwe reġistrazzjoni multipla tal-istess tranżazzjoni ta' pagament, tnaddaf l-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri (jiġifieri tneħħi d-duplikati, tikkoreġi jew tirrapporta l-iżbalji, eċċ.), tippermetti lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc jikkontroverifikaw id-*data* dwar il-pagamenti mal-informazzjoni dwar il-VAT skambjata skont ir-Regolament (UE) Nru 904/2010, u żżomm l-informazzjoni biss għall-perjodu meħtieġ biex l-awtoritajiet tat-taxxa jwettqu kontrolli tal-VAT. Is-CESOP tkun aċċessibbli biss għall-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc mill-Istati Membri, u l-uniku skop li għalih is-CESOP tippermetti inkjesti jkun ta' investigazzjonijiet dwar frodi tal-VAT suspettata jew miżjuba.

F'termini ta' ħażna, is-CESOP tiżgura l-livell xieraq ta' sigurtà b'konformità mar-regoli li jirregolaw l-ipproċessar ta' informazzjoni personali mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni.

L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa jseħħ esklussivament fin-netwerk tal-Eurofisc. Is-sistema elettronika ċentrali se tkun aċċessibbli biss għall-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc. L-aċċess għas-CESOP ikun irregolat bl-użu ta' identifikatur tal-utent, u s-sistema żżomm traċċa ta' kwalunkwe aċċess. Barra minn hekk, l-informazzjoni tinżamm fuq is-CESOP għal sentejn biss biex l-Istati Membri jkollhom perjodu raġonevoli ta' żmien biex iwettqu l-awditi tal-VAT. Wara sentejn, l-informazzjoni titħassar.

Is-sistema mhux se jkollha interfaċċa mal-internet, peress li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament se jgħaddu l-informazzjoni tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali. L-iskambji ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali jseħħ permezz ta' netwerk komuni ta' komunikazzjoni sigur, li jappoġġa kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dwana, u jipprovdi l-karatteristiċi ta' sigurtà kollha meħtieġa (inkluż il-kriptaġġ tal-informazzjoni).

Il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT hija objettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni u tal-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1)(e) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u fl-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725. Sabiex jiġi salvagwardjat dak l-objettiv importanti u l-effettività tal-awtoritajiet tat-taxxa fl-inseguwiment ta' dak l-objettiv, ir-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 se japplikaw għas-CESOP.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li din il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010, irid ikun regolament ukoll.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post***

Din il-proposta hija appoġġata minn evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, b'mod partikolari t-taqsimiet tagħha li jiffukaw fuq l-użu tagħha fil-qasam tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku⁶. Ir-riżultat tal-evalwazzjoni *ex post* huwa spjegat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għall-emenda tad-Direttiva tal-VAT.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji huma spjegati fid-dettall fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapporti tal-Eurofisc u l-istatistika annwali tal-Istati Membri huma ppreżentati u diskussi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva⁷ skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010. Il-Kumitat Permanenti huwa ppresedut mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipprova tikseb kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-funzjonament tas-sistema l-ġdida u dwar il-frodi mingħand l-Istati Membri. Meta jkun rilevanti, se tiġi żgurata koordinazzjoni fil-Kumitat Fiscalis (dan il-kumitat għadu ma twaqqafx taħt il-programm Fiscalis il-ġdid⁸).

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 u d-Direttiva 2006/112/KE diġà jistipulaw regoli għall-evalwazzjonijiet u r-rapportar mill-Kummissjoni, minn żmien għal żmien. Għaldaqstant, b'konformità ma' dawn l-obbligi eżistenti, kull ħames snin, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-ġodda ta' kooperazzjoni amministrattiva l-ġdida, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

Barra minn hekk, kull erba' snin il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim tal-obbligi l-ġodda tal-VAT imposti fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 404 tad-Direttiva 2006/112/KE. Il-Kummissjoni se tiżgura li ż-żewġ rapporti jkunu kkoordinati u bbażati fuq l-istess sejbiet.

⁶ Ara l-Valutazzjoni tal-impatt mehmuża, l-Anness 3, it-Taqsim 4

⁷ Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC) huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u huwa ppresedut mill-Kummissjoni. L-SCAC huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

⁸ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (COM(2018) 443 final), l-Artikolu 18.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fl-Artikolu 2, ġew miżjuda definizzjonijiet ġodda li jallinjaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti mat-terminoloġija użata fid-Direttiva (UE) 2015/2366⁹ (il-PSD2) dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern.

It-Taqsima 2 se tiġi miżjuda mal-Kapitolu V sabiex tiġi introdotta sistema elettronika ċentrali ġdida ta' informazzjoni dwar il-pagamenti (is-CESOP) li se tiġi żviluppata mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, se jiżdied l-obbligu għall-Istati Membri biex dawn jiġbru r-rekords magħmula disponibbli elettronikament mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 243(b) tad-Direttiva tal-VAT. Sabiex il-piż amministrattiv tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament jinżamm baxx kemm jista' jkun, skont l-Artikolu 24b(2)(b) se jkollu jiġi adottat format elettroniku komuni għall-ġbir ta' dawn ir-rekords permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti (skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 904/2010) tal-Istati Membri se jkollhom jibagħtu lis-CESOP l-informazzjoni li jiġbru mingħand il-fornituri tas-servizzi ta' pagament stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom kull tliet xhur. L-Istati Membri jistgħu jaħtru kwalunkwe dipartiment nazzjonali tal-awtorità tat-taxxa sabiex jiġbor l-informazzjoni dwar il-pagamenti mingħand il-fornituri tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 24b(1) u (2) propost. Madankollu, l-awtorità kompetenti biss, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 tista' tibgħat l-informazzjoni lis-CESOP (l-Artikolu 24b(3)).

Is-CESOP se tikkoreġi żbalji formali fl-informazzjoni trażmessa (tindif) u tiġbor l-informazzjoni ġenerali dwar il-pagamenti trasferita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għal kull prenditur (riċevitur tal-fondi). Imbagħad is-CESOP se tanalizza l-informazzjoni (eż. tqabbel l-informazzjoni dwar il-pagamenti mal-informazzjoni dwar il-VAT disponibbli għall-uffiċjali tal-Eurofisc) u se tippermetti lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc tal-Istati Membri jkollhom ħarsa ġenerali kompluta tal-pagamenti li jirċievu prendituri partikolari. B'mod partikolari l-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc se jkunu jistgħu jaraw il-pagamenti riċevuti minn prenditur partikolari jaqbżux l-EUR 10 000 fl-Istati Membri kollha. Il-limitu massimu ta' EUR 10 000 fuq il-provvisti intra-UE ġie introdott mid-Direttiva dwar il-VAT fil-kummerċ elettroniku mill-2021¹⁰. Meta jinqabeż il-fatturat intra-UE annwali totali ta' fornitur partikolari, il-post ta' forniment ikun fl-Istati Membri ta' konsum.

Il-perjodu ta' ħażna tal-informazzjoni fis-CESOP se jkun ta' sentejn. Dan il-perjodu ta' żamma huwa proporzjonat, meta wieħed iqis il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa tal-awtoritajiet tat-taxxa li jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, il-volum għoli ta' informazzjoni li trid tinħażen fis-CESOP u s-sensittività tal-informazzjoni dwar il-pagamenti maħżuna fis-sistema.

L-informazzjoni dwar il-pagamenti li jkunu deħlin tippermetti lill-Istati Membri jidentifikaw lil dawk il-fornituri domestiċi li jkunu qed ibiegħu oġġetti u servizzi barra l-pajjiż mingħajr ma jissodisfaw l-obbligi tal-VAT tagħhom. L-informazzjoni dwar il-pagamenti li jkunu ħerġin se tippermetti l-identifikazzjoni ta' fornituri stabbiliti barra l-pajjiż (jew fi Stat Membru ieħor jew barra mill-Unjoni) li għandhom iħallsu l-VAT fi Stat Membru partikolari.

⁹ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7)

Se jkunu meħtieġa tal-inqas tliet snin biex titwaqqaf is-CESOP. Matul dan iż-żmien, il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva se jkollhom jaħdmu fuq għadd ta' dettalji tekniċi elenkati fl-Artikolu 24e. Dan l-Artikolu jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta Regolament ta' implimentazzjoni li jkun jinkludi miżuri tekniċi għall-istabbiliment, iż-żamma u l-ġestjoni tas-sistema, fost l-oħrajn. Għall-fini ta' dan l-artikolu, iż-żamma tas-sistema għandha tinftiehem bħala li tirrigwarda r-rekwiżiti tekniċi u ta' prestazzjoni (rilevanti l-aktar għal finijiet ta' IT) biex titwaqqaf is-sistema, biex jiġi żgurat ix-xogħol ta' manutenzjoni, biex jitwaqqfu standards għall-interoperabbiltà mal-Istati Membri u miżuri simili oħrajn. Il-ġestjoni hija proċess ta' negozju relatat mal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema. Pereżempju, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li taġġorna s-sistema, iċċaqlaqha, tiġġenera rapporti ta' prestazzjoni, tikkontrolla l-aċċessi, eċċ.

Il-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż għall-iżvilupp u iż-żamma tas-CESOP kif ukoll l-ispejjeż taż-żamma tal-konnessjoni bejn is-CESOP u s-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li l-Istati Membri jħallsu l-ispejjeż tal-iżviluppi kollha meħtieġa għas-sistema elettronika nazzjonali tagħhom. Aktar dettalji jinsabu fl-iskeda finanzjarja u fit-Taqsima 4 tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal ċerti persuni taxxabli, bħala parti minn dan il-pakkett.

Minħabba dawn l-investimenti u l-ispejjeż operattivi, u peress li s-sistema se tintuża minn uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, qed jiddaħħal subparagrafu ieħor fl-Artikolu 37 li jintroduċi obbligu ġdid ta' rapportar fir-rapport annwali tal-Eurofisc għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni sabiex jiġi evalwat jekk is-sistema twassalx għal aktar VAT ivvalutata u miġbura jew għal kontrolli speċifiċi tal-VAT.

Il-paragrafu 1a ġdid tal-Artikolu 55 jiċċara li l-informazzjoni tal-pagamenti ma tistax tintuża mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-bażi tal-valutazzjoni, jiġbru l-VAT, jew jagħmlu kontrolli tal-VAT amministrattivi sakemm l-informazzjoni tal-pagamenti ma tkunx ġiet kontroverifikata ma' informazzjoni oħra għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa. Finalment, ir-restrizzjonijiet għall-obbligazzjonijiet u d-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 se japplikaw għas-CESOP

Dawn ir-restrizzjonijiet huma meħtieġa sabiex jiġi evitat sforz sproporzjonat mill-Istati Membri u l-Kummissjoni li jagħmel impossibbli l-kompitu legali (i) tal-awtoritajiet tat-taxxa li janalizzaw u jipproċessaw l-informazzjoni sabiex jiġġieldu l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, u (ii) tal-Kummissjoni li tmexxi s-sistema.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-għieda kontra l-frodi tal-VAT

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislativa speċjali,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010³ *inter alia* jistabbilixxi regoli dwar il-ħażna u l-iskambju ta' informazzjoni speċifika permezz ta' mezzi elettroniċi.
- (2) L-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku jiffaċilita l-provvista transfruntiera ta' oġġetti u servizzi lil konsumaturi finali fl-Istati Membri. F'dan il-kuntest provvista transfruntiera tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn il-VAT hija dovuta fi Stat Membru u l-fornitur huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor, jew f'pajjiż terz jew territorju terz. Madankollu, negozji frawdolenti, stabbiliti kemm fi Stat Membru jew f'pajjiż terz jew f'territorju terz, jisfruttaw l-opportunitajiet tal-kummerċ elettroniku biex jiksbu vantaġġi tas-suq inġusti billi jaħarbu mill-obbligi tal-VAT tagħhom. Fejn japplika l-prinċipju tat-tassazzjoni fid-destinazzjoni, peress li l-konsumaturi ma għandhom l-ebda obbligu ta' kontabilità. l-Istati Membri tal-konsum jeħtieġu għodod xierqa sabiex jidentifikaw u jikkontrollaw lil dawn in-negozji frawdolenti.
- (3) Il-kooperazzjoni tradizzjonali biex tingħeleb il-frodi tal-VAT issir bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri u hija bbażata fuq ir-rekords tan-negozji direttament involuti fit-tranżazzjoni taxxabbli. Fil-provvisti transfruntiera min-negozju lill-konsumatur, li huma tipiċi f'dan il-qasam ta' kummerċ elettroniku, din l-informazzjoni tista' ma tkunx direttament disponibbli u għalhekk l-awtoritajiet tat-taxxa jenħtieġu għodod ġodda sabiex jindirizzaw b'mod effettiv il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

¹ ĠU C., p.

² ĠU C., p.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

- (4) Fil-maġġoranza tax-xiri transfruntier li jsir online mill-konsumaturi Ewropej, il-pagamenti jsiru permezz ta' fornituri tas-servizzi ta' pagament. Biex ikun jista' jagħmel it-tranżazzjoni ta' pagament, fornitur tas-servizzi ta' pagament ikollu informazzjoni speċifika sabiex jidentifika lir-riċevitur jew il-prenditur ta' dak il-pagament transfruntier flimkien mad-dettalji tal-ammont u d-data tat-tranżazzjoni tal-pagament u l-Istat Membru minn fejn oriġina l-pagament. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti bażiċi tagħhom biex jidentifikaw negozji frawdolenti u biex jiddeterminaw l-obbligazzjonijiet tal-VAT b'rabta ma' fornimenti transfruntiera minn negozji lill-konsumaturi. Għaldaqstant huwa meħtieġ u proporzjonat li l-informazzjoni rilevanti dwar il-VAT, miżmuma mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri u li l-Istati Membri jiskambjaw din l-informazzjoni sabiex jidentifikaw u jiġġieldu l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.
- (5) Għaldaqstant, hija miżura meħtieġa u proporzjonata li l-awtoritajiet tat-taxxa jingħataw l-għodod sabiex jaċċessaw u jiskambjaw din l-informazzjoni rilevanti dwar il-VAT b'rabta mal-pagamenti transfruntiera, sabiex jiġġieldu b'mod effettiv il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Dawn l-għodod huma essenzjali peress li l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu din l-informazzjoni għall-finijiet ta' kontroll tal-VAT, biex jiproteġu d-dħul pubbliku iżda wkoll lin-negozji leġittimi fl-Istati Membri li min-naħa tagħhom jiproteġu l-impjiegi u liċ-ċittadini Ewropej.
- (6) Huwa importanti li l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, relatati ma' tranżazzjonijiet ta' pagamenti, jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri ma jiġbrux u ma jiskambjawx bejniethom informazzjoni dwar il-konsumaturi jew il-pagaturi li x'aktarx ma tkunx relatata ma' attivitajiet ekonomiċi.
- (7) L-obbligi taż-żamma ta' reġistri tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament fid-Direttiva 2006/112/KE⁴ jeżiġu li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiġbru, jiskambjaw u janalizzaw l-informazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti.
- (8) Sistema ta' informazzjoni elettronika ċentrali "CESOP" fejn l-Istati Membri jitrażmettu informazzjoni dwar il-pagamenti li huma jaħżnu fil-livell nazzjonali, tilħaq l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku b'mod aktar effettiv. Jenħtieġ li din is-sistema tiġbor, fir-rigward ta' prendituri individwali, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-VAT rigward it-tranżazzjonijiet ta' pagamenti trażmessi mill-Istati Membri u jenħtieġ li tipprovdi ħarsa ġenerali sħiħa tal-pagamenti li jirċievu l-prendituri mingħand pagaturi li jinsabu fl-Istati Membri. Barra minn hekk, din is-sistema ta' informazzjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi rekords multipli mill-istess tranżazzjonijiet ta' pagamenti, tnaddaf l-informazzjoni riċevuta mingħand l-Istati Membri (eż. tneħħi l-informazzjoni doppja, tikkoreġi l-iżbalji fid-*data*, eċċ.) u tippermetti lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc tal-Istati Membri jikkontroverifikaw id-*data* dwar il-pagamenti mal-informazzjoni li jkollhom dwar il-VAT u jwettqu inkjesti għall-finijiet ta' investigazzjoni ta' suspetti ta' frodi tal-VAT jew ta' identifikazzjoni ta' frodi tal-VAT.
- (9) It-tassazzjoni hija għan importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni u tal-Istati Membri u dan ġie rikonoxxut b'rabta mar-restrizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti fuq l-

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

obbligi u d-drittijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni skont il-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Il-limitazzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* huma meħtieġa minħabba n-natura u l-volum ta' dik l-informazzjoni li toriġina mingħand il-fornituri tas-servizzi ta' pagament u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi u definiti minn qabel u d-dettalji stipulati fl-Artikoli 243b sa 243d tad-Direttiva 2006/112/KE.

- (10) Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu applikati restrizzjonijiet għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont l-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010. Fil-fatt, l-applikazzjoni sħiħa tad-drittijiet u l-obbligi tas-suġġetti tad-*data* timmina serjament l-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u tista' tippermetti lis-suġġetti tad-*data* jostakolaw l-analiżi u l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjja minħabba l-volum enormi ta' informazzjoni mibgħuta mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament u l-possibbiltà tal-proliferazzjoni ta' talbiet mingħand is-suġġetti tad-*data* lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea jew lit-tnejn li huma. Dan jimpedixxi l-effettività tas-sistema u l-kapaċità tal-awtoritajiet tat-taxxa li jseguw l-għan ta' dan ir-Regolament billi jipperikola l-inkjesti, l-analiżijiet, l-investigazzjonijiet u l-proċeduri mwettqa skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT ma jistax jintlaħaq b'mezzi oħrajn inqas restrittivi u effettivi daqs dawn. Barra minn hekk, dawn ir-restrizzjonijiet jirrispettaw is-sostanza tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet u huma miżuri neċessarji u proporzjonati f'soċjetà demokratika.
- (11) L-iskambju ta' *data* dwar pagamenti bejn l-awtoritajiet tat-taxxa huwa kruċjali għall-ġlieda effettiva kontra l-frodi. L-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc biss jenħtieġ li jipproċessaw l-informazzjoni dwar il-pagamenti u biss bl-għan li jiġġieldu l-frodi tal-VAT. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni ma tintużax għal skopijiet oħrajn għajr dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament, bħal pereżempju għal skopijiet kummerċjali.
- (12) Madankollu, huwa importanti, li l-informazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet ta' pagamenti jenħtieġ li ma tintużax għat-tfassil awtomatizzat ta' profili u jenħtieġ li dejjem tiġi vverifikata b'referenza għal informazzjoni oħra dwar it-taxxa disponibbli għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679.
- (13) Huwa neċessarju u proporzjonat li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament iżommu rekords tal-informazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet ta' pagamenti għal perjodu ta' sentejn sabiex jassistu lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u biex jidentifikaw lill-frodaturi. Dan il-perjodu huwa l-minimu meħtieġ biex l-Istati Membri jwettqu l-kontrolli b'mod effettiv u jinvestigaw suspetti ta' frodi tal-VAT jew jidentifikaw frodi tal-VAT, u huwa proporzjonat meta wieħed iqis il-volum enormi ta' informazzjoni dwar il-pagamenti u s-sensittività tagħha f'termini ta' protezzjoni ta' *data* personali.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (14) Kull uffiċjal ta' kollegament tal-Eurofisc tal-Istati Membri jenħtieġ li jkun jista' jaċċessa u janalizza l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagamenti bl-iskop li tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT. Persuni debitament akkreditati tal-Kummissjoni jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni biss bl-iskop li jiżviluppaw u jżommu s-sistema ta' informazzjoni elettronika ċentrali. Iż-żewġ gruppi ta' utenti jenħtieġ li jkunu marbuta bir-regoli ta' kunfidenzjalità stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (15) Peress li l-implimentazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni elettronika ċentrali se tkun teħtieġ żviluppi teknoloġiċi ġodda, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament trid tkun differita biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jiżviluppaw dawn it-teknoloġiji.
- (16) Il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku hija problema komuni għall-Istati Membri kollha. L-Istati Membri waħedhom ma għandhomx l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiżguraw li r-regoli tal-VAT fil-kummerċ elettroniku jkunu applikati sew u sabiex jindirizzaw il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tal-kummerċ elettroniku iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.
- (17) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura r-rispett sħiħ tad-dritt tal-protezzjoni tad-*data* personali stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta. F'dak ir-rigward, dan ir-Regolament jillimita b'mod strett l-ammont ta' *data* personali li se titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa. L-ipproċessar tal-informazzjoni dwar pagamenti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jseħħ biss għall-iskop tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Id-*data* dwar il-pagamenti trażmessa u skambjata għandha tkun ipproċessata biss mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc tal-awtoritajiet tat-taxxa fil-limiti ta' dak li huwa xieraq biex jintlaħaq l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.
- (18) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fi...⁷
- (19) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 904/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (s) sa (v) li ġejjin:

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

- “(s) “fornitur tas-servizzi ta’ pagamenti” tfisser korp elenkat fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew persuna fiżika jew legali li tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 32 ta’ dik id-Direttiva;
- (t) “tranżazzjoni ta’ pagament” tfisser att iddefinit fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;
- (u) “pagatur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;
- (v) “prenditur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika kif iddefinit fil-punt 9 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366.

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35)

(2) Il-KAPITOLU V huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Kapitolu V huwa sostitwit b’dan li ġej:

“ĠBIR, ĦAŻNA U SKAMBJU TA’ INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA”;

(b) tiddaħħal l-intestatura Taqsima 1 li ġejja:

“TAQSIMA 1

Aċċess awtomatizzat għal informazzjoni speċifika maħżuna f’sistemi elettroniċi nazzjonali”;

(c) l-intestatura Taqsima 2 tiddaħħal wara l-Artikolu 24:

“TAQSIMA 2

Ġbir ta’ informazzjoni speċifika u sistema elektronika ċentrali”;

(d) jiddaħħlu l-Artikoli 24a sa 24f li ġejjin:

“Artikolu 24a

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, iżżomm, tospita u tmexxi s-sistema elektronika ċentrali ta’ informazzjoni dwar il-pagamenti (“is-CESOP”) bl-għan li tinvestiga suspetti ta’ frodi tal-VAT jew li tidentifika frodi tal-VAT.

Artikolu 24b

1. Kull Stat Membru għandu jiġbor u jaħżen l-informazzjoni dwar il-prendituri u t-tranżazzjonijiet tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 243b tad-Direttiva 2006/112/KE(*).
2. Kull Stat Membru għandu jiġbor l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu mingħand il-fornituri tas-servizzi ta’ pagament:

- (a) mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara li jiskadi l-kwart tas-sena kalendarja li miegħu hija relatata dik l-informazzjoni;
 - (b) permezz ta' formola standard elettronika.
3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu lis-CESOP sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum wara li jiskadi l-kwart tas-sena kalendarja li miegħu hija relatata dik l-informazzjonis.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

Artikolu 24c

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-CESOP ikollha l-kapaċitajiet li ġejjin:
- (a) li taħżen l-informazzjoni trażmessa skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 24b;
 - (b) li tiġbor l-informazzjoni maħżuna, skont il-punt (a), fir-rigward ta' kull prenditur individwali;
 - (c) li tanalizza l-informazzjoni maħżuna, skont il-punti (a) u (b), flimkien mal-informazzjoni mmirata rilevanti kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament;
 - (d) li tagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) aċċessibbli għall-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc imsemmija fl-Artikolu 36(1).
2. Is-CESOP għandha żżomm l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għal perjodu massimu ta' sentejn mill-iskadenza tas-sena li fiha l-informazzjoni ġiet trasferita fis-sistema.

Artikolu 24d

Il-Kummissjoni għandha tagħti aċċess għall-informazzjoni maħżuna fis-CESOP lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, li jkollhom identifikatur tal-utent għas-CESOP, meta dik l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-fini ta' investigazzjonijiet ta' suspetti ta' frodi tal-VAT jew għall-identifikazzjoni ta' frodi tal-VAT.

Artikolu 24e

Dawn il-miżuri, kompiti, dettalji tekniċi, formati tal-formola elettronika standard, l-elementi ta' informazzjoni, arranġamenti prattiċi u proċedura ta' sigurtà li ġejjin għandhom ikunu adottati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2):

- (a) il-miżuri tekniċi għall-istabbiliment u ż-żamma tas-CESOP;
- (b) il-kompiti tal-Kummissjoni fil-ġestjoni tas-CESOP;
- (c) id-dettalji tekniċi tal-infrastruttura u l-għodod meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konnessjoni u l-operabbiltà globali bejn is-sistemi elettroniki nazzjonali msemmija fl-Artikolu 24b u s-CESOP;
- (d) il-formoli standard elettroniki msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 24b(2);

- (e) l-informazzjoni u d-dettalji tekniċi li jirrigwardaw l-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 24c(1);
- (f) l-arranġamenti prattiċi biex jiġi identifikat l-uffiċjal ta' kollegament tal-Eurofisc li se jkollu aċċess għas-CESOP skont l-Artikolu 24d;
- (g) il-proċedura biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti l-miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi xierqa, kemm meta tiġi żviluppata s-CESOP kif ukoll meta l-informazzjoni tiġi pproċessata fis-CESOP.

Artikolu 24f

1. L-ispejjeż tal-istabbiliment, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-CESOP għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Dawn l-ispejjeż għandhom jinkludu dawk tal-konnessjoni sigura bejn is-CESOP u s-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri, u wkoll is-servizzi meħtieġa biex jitwettqu l-kapaċitajiet elenkati fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 24c.
 2. L-Istati Membri għandhom iħallsu l-ispejjeż imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24b għall-iżviluppi kollha meħtieġa għas-sistema elettronika nazzjonali tagħhom u jkunu responsabbli għalihom.”
- (3) fl-Artikolu 37, jiżdied is-sottoparagrafu li ġej:
- “Ir-rapport annwali għandu tal-inqas jindika fid-dettall għal kull Stat Membru n-numru ta' kontrolli mwettqa u l-VAT addizzjonali vvalutata u miġbura b'risultat tal-informazzjoni pproċessata skont l-Artikolu 24d.”
- (4) fl-Artikolu 55, jiddaħħal il-paragrafu 1a segwenti:
- “1a. L-informazzjoni msemmija fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu V għandha tintuża biss għall-iskopijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu, fejn din tkun ġiet ivverifikata b'referenza għal informazzjoni oħra dwar il-VAT għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*